**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Nru: 287/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Fredrick Dalli**

Illum, 23 ta' Frar 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Fredrick Dalli, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 619882M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-13 ta' Lulju 2019 u fix-xhur ta' qabel ġewwa il-Birgu u f'inħawi oħra madwar dawn il-gżejjer:

1. Ikkaġuna lil Natasha Bugeja ID 311798M biża' li ser tintuża' vjolenza kontriha jew kontra l-propjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-propjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna oħra;
2. Ġab ruħu b'tali mod li ta fastidju lil Natasha Bugeja;
3. Kiser ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan fil-konfront ta' Natasha Bugeja imposta fuqu mill-Mgt. Dr Audrey Demicoli LL.D nhar l-14 ta' Marzu 2019 u dan sabiex tipprovdi għas-sigurtà tal-imsemmija persuna;

U talli nhar it-13/07/2019 għall-ħabta ta' 16:45hrs:

4. Saq vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni AMG 153 tal-għamla Mercedes mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija;
5. Saq vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni AMG 153 tal-għamla Mercedes mingħajr ma kien kopert b'polza ta' sigurtà dwar ir-riski għat-terzi persuni;

U talli:

6. Kiser il-kundizzjonijiet tal-libertà proviżorja mposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati mill-Maġistrat Dr Audrey Demicoli LL.D nhar l-14 ta' Marzu 2019 meta ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt depożitu u garanzija personali li jammontaw għal €6,000;
7. Kiser il-kundizzjonijiet tal-libertà proviżorja mposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati mill-Mgt. Dr Claire Stafrace Zammit LL.D nhar it-8 ta' Mejju 2019 meta ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt depożitu u garanzija personali li jammontaw għal €15,000.

Il-Qorti kienet ukoll mitluba li tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' Fredrick Dalli u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi mputat kif ukoll tordna li s-somom ta' 6,000 ewro u 15,000 ewro jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti kienet ukoll mitluba f'każ ta' ħtija, biex tipprovdi għall-persuni ta' Natasha Bugeja jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil Fredrick Dalli b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal żmien li tħoss xieraq.

F'każ ta' ħtija, il-Qorti ġiet mitluba li titratta lil Fredrick Dalli bħala persuna reċidiva meta ġie ssentenzjat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula u dan bi ksur tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-13 ta' Lulju 2023, fejn il-Qorti, wara li rat artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, artikolu 17, 49, 50 u 579(2) u (3) tal-Kodiċi Kriminali, iddikjarat lill-imputat Fredrick Dalli ħati, bħala reċidiv, tar-raba', tal-ħames, tas-sitt u tas-seba' imputazzjoni u kkundanatu għal multa ta' tmint elef Ewro (€8,000), filwaqt li lliberatu mit-tielet imputazzjoni u ddikjarat proċediment estint fir-rigward tal-ewwel u tat-tieni mputazzjoni stante li dawn ġew rinunzjati. *In oltre*, b'applikazzjoni tal-artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 u artikolu 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti skwalifikat lill-ħati Fredrick Dalli milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien tmintax (18) -il xahar mid-data tas-sentenza. Ai termini tal-artikolu 579(1) tal-Kodiċi Kriminali, il-qorti ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta

tal-ammont ta' elf ewro (€1,000) mill-ammont ta' garanzija ndikat fid-digriet tal-14 ta' Marzu 2019 u s-somma ta' elf ewro (€1,000) oħra mill-ammont ta' garanzija ndikat fid-digriet tat-8 ta' Mejju 2019. B'hekk bis-saħħa ta' din is-sentenza, l-ammont totali li għandu jitqies li ġie kkonfiskat favur il-Gvern ta' Malta huwa ta' elfejn Ewro (€2,000).

Rat ir-rikors tal-appellant, Fredrick Dalli, ippreżentat fil-31 ta' Lulju 2023, fejn talab lil din l-Qorti:

a. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-parti fejn huwa ġie ddikjarat mhux ħati tal-ewwel (i), tat-tieni (ii) u tat-tielet (iii) imputazzjoni u konsegwentement ġie lliberat minn dawn l-imputazzjonijiet;
b. Tħassarha u tirrevokaha fil-parti fejn sabitu ħati bħala reċidiv, tar-raba', tal-ħames, tas-sitt u tas-seba' imputazzjoni u tiddikjarah mhux ħati tagħhom u konsegwentement tilliberah minnhom skond il-liġi;
c. Alternattivament, u mingħajr preġudizzju, f'każ li dan l-appell ma jintlaqax, jogħġobha tħassarha fil-parti tal-piena, billi minflok tiġi mposta piena jew sanzjoni oħra li tkun aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali datata 29 ta' Novembru 2023.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant jibda biex jilmenta dwar il-motivazzjoniet li fuqhom l-Ewwel Qorti sejset il-ħtija għat-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet u dan għaliex fil-fehma tiegħu dawn kienu pjuttost konfliġġenti. Isaħħaħ dan l-aggravju fuq bran fis-sentenza appellata li jaqra hekk: "*Illi, għaldaqstant, wara li l-Qorti, qieset sew l-fatti li ħarġu mill-provi mressqa quddiemha m'għandha ebda dubbju raġjonevoli li l-imputat ma kienx qiegħed isuq il-vettura għamla Mercedes bin-numru ta' reġistrazzjoni AMG 153 fid-data u ħin indikati*

*fir-raba' u fil-ħames imputazzjoni*". L-appellant jisħaq għalhekk, li a bażi ta' din l-motivazzjoni, l-ħtija ddikjarata mill-Ewwel Qorti, imbagħad, fil-parti deċiżorja tas-sentenza ma tistax treġi.

Illi, jibda biex jingħad illi l-appellant jislet bran mis-sentenza appellata li jqiesu in iżolament mill-kumplament tal-korp tal-imsemmija sentenza. Illi l-Qorti eżaminat is-sentenza impunjata, u l-motivazzjonijiet fl-intier tagħhom u jirrizulta mingħajr dubbju li l-bran iċċitat mill-appellant kien sempliċiment *lapsus computetri* u xejn aktar. Dan qed jingħad fid-dawl ta' brani oħra kontenuti fis-sentenza appellata li ċertament juru li l-Ewwel Qorti ma kellhiex dubbju li l-appellant kien il-persuna li kienet qed issuq il-vettura *de quo* dakinhar tas-sinistru mertu tal-każ. Tgħid hekk l-Ewwel Qorti, *inter alia*:-

- **"Illi, mill-fedina penali tal-imputat jirriżulta illi din ma kinitx l-ewwel darba li l-imputat saq mingħajr liċenzja u polza ta' assigurazzjoni."**
- **"Illi, jirrizulta illi fil-jum li fih wettaq ir-reati ta' sewqan bla liċenzja u bla polza ta' assigurazzjoni ..."**
- **"Illi quddiem din il-Qorti l-imputat qed jinstab ħati li saq mingħajr liċenzja u bla polza ta' assigurazzjoni ..."**

Illi, dan kollu jsib konfort meta, imbagħad, fid-*decide*, l-Ewwel Qorti għaddiet sabiex issib lill-appellant ħati talli saq il-vettura *de quo* mingħajr liċenzja u mingħajr polza ta' assigurazzjoni. Għaldaqstant, din l-Qorti hija moralment konvinta li l-Ewwel Qorti ma kellha l-ebda motivazzjoni konfliġġenti kif qed jisħaq l-appellant imma kien biss żball fil-bran iċċitat mill-appellant li wassal għal dak li l-appellant deherlu kien konfliġġenti. Għalhekk, dan l-ewwel aggravju qed jiġi respint.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fit-tieni aggravju minnu vventilat, l-appellant jisħaq li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi miġjuba quddiemha u dan meta sabitu ħati tar-raba' u l-ħames imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu. Huwa jisħaq li mill-provi akkwiżiti ma kien stabbililt ebda ness bejnu u bejn il-vettura tal-lewn *silver* tal-għamla *Mercedes.*

Illi, l-istħarriġ tal-pulizija f'dan il-każ beda meta nhar it-13 ta' Lulju tas-sena 2019 Natasha Bugeja rrapurtat li l-appellant kien qed isegwi l-passi tagħha u li dakinhar għall-ħabta ta' 16:45hrs, waqt li hi kienet fi triqtha lejn il-ħanut tal-*partner* tagħha Roderick Brincat, li jinsab ġewwa l-Fgura, bil-vettura tagħha bin-numru tar-reġistrazzjoni BCB646 tal-għamla *Renault,* kif waslet ġewwa Triq San Nikola, Bormla u waqfet mar-*roundabout*, minn naħa tat-Triq l-Immakulata, ħareġ l-appellant li kien qed isuq il-vettura tal-għamla *Mercedes* ta' kulur *silver*, fl-liema vettura kien hemm rekbin żewġ passiġġieri, u kif induna bil-presenza tagħha, kif wasal quddiemha mar-*roundabout*, waqqaf, għamel *burnout* u b'veloċita' qawwija saq lejn id-direzzjoni tal-Ħawli filwaqt li hi kompliet fi triqtha lejn id-direzzjoni tal-Fgura. Tiftakar illi l-ittri fuq it-tarka ta' reġistrazzjoni "**kien jibda' bl-ittra AMG**". Din il-verżjoni tal-fatti reġgħet ġiet ikkonfermata minn Bugeja meta hija tat it-testimonjanza tagħha *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti fejn hemmhekk reġgħet stqarret illi dakinhar tal-inċident kien propju l-appellant li kien ix-xufier tal-vettura in diżamina.

Illi, minn naħa l-oħra, l-appellant jagħti verżjoni tal-fatti dijametrikament opposta minn dik ta' Bugeja fejn jisħaq li l-vettura indikata fir-rapport, fil-jum tal-inċident ma kenitx tiffunzjona u ma kinitx qed timxi billi kellha bżonn tiswija tant illi ttieħdet għandu fuq *tow truck* sabiex tissewwa għand il-mekkanik. Illi sid din il-vettura, ċertu Kurt Scicluna jgħid xort'oħra meta jistqarr li kien xtara vettura tal-għamla *Mercedes* lewn *silver* nhar l-10 ta' Lulju u xi jumejn wara kien talab lill-appellant sabiex jeħodhielu għand il-mekkanik. Kompla jixhed li kien hu li niżżel l-istess vettura Bormla fejn hemmhekk hu u l-appellant ipparkjawha u huwa għaddhielu ċ-ċwievet tagħha. Xehed li mbagħad l-istess vettura ġiet elevata mill-istess post mill-Pulizija. Finalment, Scicluna jsostni li kien hu li saq din l-vettura bit-tarek tat-*trial run* u mhux l-appellant. Din il-Qorti tirrimarka li x-xhieda mogħtija mill-appellant u minn Scicluna huma konfliġġenti għall-aħħar u jaqblu biss fuq l-aktar punt kruċjali għad-difiza, u ċioe' li l-appellant ma kienx qed isuq il-vettura *de quo*. Pero' filwaqt li l-appellant jgħid li hu qatt ma daħal ġewwa il-vettura u li din lanqas kienet timxi, minn naħa l-oħra Scicluna jsostni li hu u l-appellant kienu saqu l-vettura sa' Bormla. Dan ifisser illi kuntrarjament għal dak li jikkontendi l-appellant il-vettura ġiet misjuqa meta ma

kellhiex liċenzja u assigurazzjoni u li din, fiż-żmien meta seħħ s-sinistru ta' dan il-każ, kienet proprju fil-pussess tiegħu. Il-Qorti hija għalhekk moralment konvinta, bħall-Ewwel Qorti qabilha illi l-verżjoni l-aktar kredibbli kienet propju dik tal-parte ċivile Natasha Bugeja u li fil-fatt dakinhar tat-13 ta' Lulju 2019 kien propju l-appellant li kien qed isuq il-vettura lewn *silver* tal-għamla *Mercedes* bin-numru ta' reġistrazzjoni AMG-153.

Illi, *in oltre*, Stephen Cachia in rappreżentanza tal-Awtorità għat-Trasport xehed li l-appellant "**m'għandu l-ebda kategorija ta' liċenzja tas-sewqan**". Stephen Cachia xehed ukoll li l-vettura tal-għamla *Mercedes* bin-numru ta' reġistrazzjoni AMG-153 kienet tgħajjat lil Kurt Scicluna, u għaldaqstant ma hemm l-ebda dubbju li n-ness bejn il-vettura tal-għamla *Mercedes* u l-appellant, kuntrarjament għal dak li jikkontendi, huwa ippruvat u għalhekk l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant għar-raba' imputazzjoni lilu addebitata.

Illi, fil-ħames imputazzjoni l-appellant huwa mixli li saq il-vettura mingħajr kopertura tal-assigurazzjoni. Illi l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi illi:–

> **Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ħadd ma jista' juża jew iġiegħel jew iħalli lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba, għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skont il-każ, ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, skont id-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.**

Illi fil-prosekuzzjoni għal dan ir-reat, kuntrarjament għar-regola ġenerali tad-dritt penali illi jitfa' l-piż' tal-oneru tal-provi fuq il-Prosekuzzjoni, hemm il-preżunzjoni illi ma kienx hemm polza ta'l-assigurazzjoni, liema preżunzjoni trid tingħeleb mill-persuna mixlija bir-reat li allura jrid iressaq prova kuntrarja u dan sabiex jeżimi ruħu mir-responsabbiltà penali. Illi sub-artikoli (1A) u (1B) ta' l-istess artikolu, jiddisponu illi:–

> **(1A) Ikun preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni fis-seħħ skont is-subartikolu (1), kemm-il darba min jiġi akkużat b'reat taħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4).**
>
> **(1B) Tista' tingħata eċċezzjoni valida, fil-prosekuzzjoni ta' reat taħt is-subartikolu (1), mill-akkużat jekk iġib prova li r-reat ikun sar mingħajr ma**

**huwa kien jaf bih u li jkun eżerċita kull diliġenza dovuta biex ma jħallix li r-reat isir.**

Illi, ukoll l-artikolu 4(4) ta' l-istess Att jipprovdi hekk:

**Polza ta' assigurazzjoni ma għandha ebda effett għall-finijiet ta' din l-Ordinanza kemm-il darba u sakemm ma jiġix maħruġ mill-assiguratur awtorizzat favur il-persuna li ħadet il-polza, ċertifikat (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsemmi "ċertifikat ta' assigurazzjoni") fil-forma stabbilita; u meta l-polza ta'assigurazzjoni tkun ċertifikat internazzjonali ta' assigurazzjoni, dak iċ-ċertifikat internazzjonali għandu, għall-finijiet kollha ta' din l-Ordinanza ħlief meta r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, ikun iċ-ċertifikat ta' assigurazzjoni meħtieġ li jinħareġ taħt dan is-subartikolu.**

Illi, huwa evidenti minn qari ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi illi għandha tirriżulta ir-reita' kull meta ma jkunx hemm maħruġa favur il-persuna imputata bir-reat taħt l-Artikolu 3, jew favur il-persuna li tkun qed tagħmel użu mill-vettura, polza ta' l-assigurazzjoni. Il-leġislatur, imbagħad, iqiegħed fuq l-ispalla tal-persuna akkużata l-ħtieġa li huwa jeżonera ruħu mir-responsabbiltà kriminali, kif ingħad, meta allura għandu jġib il-prova illi l-vettura hija koperta b'polza ta'l-assikurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni u dan billi juri li hemm fuq saqajh ċertifikat ta'l-assigurazzjoni maħruġ fit-termini ta'l-artikolu 4(4) ta'l-Ordinanza **favur tiegħu jew favur il-persuna li tkun qed tagħmel użu mill-vettura**.

*In oltre*, l-artikolu 4(4), li jagħmel referenza għalih l-artikolu 3(1A), jinneċċesita illi dan iċ-ċertifikat ikun maħruġ favur dik il-persuna li tkun qed issuq il-vettura, u l-kwistjoni dwar jekk l-obbligazzjonijiet naxxenti minn din il-polza tal-assigurazzjoni għandhomx ikunu onorati xorta waħda mis-soċjetà assiguratriċi, għalkemm il-vettura ma tkunx misjuqa minn sewwieq awtoriżżat skont il-polza tal-assigurazzjoni, hija *res inter alios acta*, liema kwistjoni hija waħda purament ta' natura ċivili li ma għandha ikollha ebda piż fil-kamp penali.

Illi, f'dawn il-proċeduri, l-appellant ma pproduċa l-ebda ċertifikat jew polza ta' assigurazzjoni jew dettalji dwar l-istess. *In oltre*, ġie ppruvat ampjament li l-appellant ma kellux liċenzja tas-sewqan valida fil-mument li kien qed isuq il-vettura *de quo.* Għaldaqstant, dina l-Qorti hija tal-fehma li in vista ta' dan kollu, l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant anke fir-rigward il-ħames imputazzjoni dedotta kontrih.

Għalhekk, anke dan it-tieni aggravju tal-appellant qed jiġi respint.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fit-tielet aggravju mressaq minnu, l-appellant jilmenta dwar in-nuqqas tal-Prosekuzzjoni illi tressaq l-aħjar prova li l-każ kien jagħti u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 638(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn allura l-Prosekuzzjoni kellha tressaq bħala xhieda kemm lil Kurt Azzopardi kif ukoll lil Kyona Farrugia, ż-żewġ passiġġieri li l-parti offiża Natasha Bugeja tikkontendi li kienu rekbin fil-vettura mal-appellant u għalhekk kienu xhieda okulari determinanti li setgħu jikkonfermaw o meno l-verżjoni tal-fatti ta' Bugeja. Ikompli illi kellha tkun l-Ewwel Qorti fid-dawl ta' dan in-nuqqas li tordna li jitressqu dawn ix-xhieda u dan b'applikazzjoni tas-setgħa lilha mogħtija fl-artikolu 559 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, reż applikabbli għal proċeduri penali permezz ta'l-artikolu 520(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali.

Illi jibda biex jingħad illi l-Prosekuzzjoni kellha f'idejha ix-xiehda ta' Natasha Bugeja li kkonfermat li kien proprju l-appellant li rat isuq il-vettura Mercedes tant illi dan kien jinstab proprju quddiemha u osservatu jagħmel il-manuvra li tiddeskrivi fix-xiehda tagħha. L-appellant, minn naħa tiegħu, seta' jiskredita din il-verżjoni tal-fatti billi jressaq bħala xhieda lil passiġġieri li allegatament kienu rekbin miegħu sabiex jgiddbu il-verżjoni tal-fatti mogħtija minn Bugeja, ħaġa iżda li għoġbu ma jagħmilx. Huwa minnu li l-Prosekuzzjoni għandha l-obbligu li ttella' kwalsiasi prova kemm favur u kemm kontra l-imputat. Madanakollu, f'każ meta dan ma jsirx, id-difiża għandha d-dritt li tipproduċi hi ukoll xhieda *in difesa* sabiex tirribatti t-teżi tal-Prosekuzzjoni. Illi l-Ewwel Qorti ġustament eżaminat l-evidenza li kien hemm fl-atti u mill-provi kkumpilati dehrilha li setgħet issib ħtija xortawaħda. Fuq kollox l-artikolu 638(1) tal-Kodici Kriminali japplika bl-istess qies għal Prosekuzzjoni kif ukoll għad difiża, b'dan għalhekk illi għalkemm l-persuna akkużata għandha id-dritt għas-silenzju u mhi obbligata tipprova xejn, madanakollu jekk tagħżel li trid tagħmel xi

prova anke permezz tax-xhieda tagħha, allura fil-konfront tal-akkużat għandhom japplikaw dawk ir-regoli kollha li għandhom x'jaqsmu mal-apprezzament tal-provi. L-imputat allura għandu jipprova dak allegat minnu sal-grad tal-probabbli u jekk dan il-grad tal-prova ma jilħqux allura jkun qed ixejjen dak minnu allegat. Fil-fatt s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 634 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi testwalment: "*Id-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar ix-xhieda jgħoddu għall-imputat jew akkużat li jagħti x-xiehda tiegħu taħt ġurament*".

Għalhekk, anke dan it-tielet aggravju tal-appellant qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant jissolleva n-nullita' taċ-ċitazzjoni fir-raba' aggravju tiegħu minflok iqanqal dan il-preġudizzjali b'mod preliminari qabel l-aggravji fil-mertu. Jikkontendi illi fiċ-ċitazzjoni l-lok fejn seħħ ir-reat ma hux indikat biex b'hekk huwa nieqes wieħed mir-rekwiżiti ndikati fl-artikolu 360 tal-Kodiċi Kriminali.

Illi l-Artikolu 360 tal-Kodiċi Kriminali, senjatament fis-subinċiż tnejn (2) tiegħu jistabbilixxi illi:-

> **Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw. Għandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mħarrka tonqos li tidher, hija tiġi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat.**

Illi, huwa paċifiku li dawn ir-rekwiżiti għandhom iservu biss sabiex l-imputat jkollu idea ċara ta' biex inhu akkużat b'mod tali allura li jkun jista' jipprepara adegwatament id-difiża tiegħu. Huwa proprju għalhekk li l-Artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali jistipola li ċ-ċitazzjoni għandha jkollha ċerti dettalji, u dana sabiex l-imputat jiġi ppreparat f'ewwel jum tas-smiegħ bid-difiza u bil-provi tiegħu *in difesa*, sabiex l-istess kawża tkun tista' tinqata' f'dik l-ewwel ġurnata tas-smiegħ. Madanakollu, tajjeb jingħad li nuqqas ta' xi rekwiżit minn dawn imsemmija ma jwassalx għan-nullita' taċ-ċitazzjoni u dana għaliex il-Liġi tippermetti wkoll li ssir id-

debita korrezzjoni f'dan is-sens diment li l-imputat ikun ingħata żmien biżżejjed sabiex jirregola d-difiża tiegħu fid-dawl ta' din il- korrezzjoni. Hekk intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża "Il-Pulizija vs. Joseph Zahra" deċiża nhar il-5 ta' Awwissu 2003 -

> **Pero`, kif din il-Qorti kellha l-okkazzjoni li tosserva diversi drabi, in-nuqqas ta' xi rekwizit imsemmi fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 ma jwassalx ghan-nullita` tac-citazzjoni (jew tal-imputazzjoni jew imputazzjonijiet) u anqas ma jwassal necessarjament ghall-liberazzjoni ta' dak li jkun...**

Illi, f'sentenza oħra mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti, diversament preseduta, fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Joseph Buttigieg" fil-25 ta' Lulju 1994, intqal hekk –

> **"L-insenjament tal-qrati tagħna, kemm dawk superjuri kif ukoll inferjuri, hu tista' tgħid univoku u ġie kristallizzat fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-qrati inferjuri) tas-6 ta' Diċembru, 1948 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer A. & C.E. (Vol.XXXIII.iv.758) li daħlet ukoll fl-oriġini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, introdott fl-1911. Brevement, iċ-citazzjoni ma hi xejn ħlief avviz jew ordni sabiex il-ġudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-ħin u data li jiġu indikati lilu, minflok ma jinġieb quddiem dik il-qorti taħt arrest (Art.360(1)). Din iċ-citazzjoni ma hix il-bazi tal-akkuza, bħalma hu l-kaz tal-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuza jew imputazzjoni tiġi profferita fil-qorti inferjuri meta tinqara mill-prosekuzzjoni:**
>
> ***'La vera imputazione si deduce contro l'imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l'imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell'ufficiale prosecutore' (ara sentenza citata, pagna 761)."***

Illi, dan ifisser li ġaladarba l-persuna mħarrka effettivament tidher quddiem il-qorti, il-funzjoni prinċipali taċ-ċitazzjoni tkun ġiet eżawrita. Però, l-istess ma jistax jingħad meta ċ-ċitazzjoni jkun fiha informazzjoni għal dak li jirrigwarda l-partikolaritajiet tal-ħin, lok u żmien li jkunu jikkontrastaw ma' dak li jemerġi mill-provi li jinstemgħu waqt il-mori tal-kawża, u dan speċjalment meta l-Prosekuzzjoni ma tkunx talbet korrezzjoni tal-istess ċitazzjoni sabiex din tirrifletti l-fattispeċje tal-kawża in kwistjoni.

Illi, għalhekk, minkejja li l-funzjoni taċ-ċitazzjoni hija biss ta' *avviso di comparire* u l-Liġi tikkonċedi impreċiżjonijiet li jistgħu jiġu sanati b'sempliċi korrezzjoni

magħmula fil-mori tal-kawża, dan ma jfissirx li d-diċitura tal-imputazzjoni m'għandhiex tirrifletti l-fattispeċje tal-każ hekk kif jemerġu mill-provi almenu b'mod approssimattiv għal dak li jirrigwarda il-partikolaritajiet taż-żmien, lok u ħin li fihom allegatament ikun ġie kommess ir-reat.

Spjanati dawn il-punti ta' dritt u ġurisprudenza in materja ma jistax jingħad f'dan il-każ illi n-nuqqas ravviżat mill-appellant jista' b'xi mod iwassal għan-nullita' lamentata u dan għaliex mhux biss il-funzjoni taċ-ċitazzjoni kienet eżawrita meta huwa kien notifikat biha u deher il-Qorti biex jiddefendi l-akkużi lilu addebitati, iżda ukoll għaliex hemm lok indikat fl-istess bħala *"ġewwa l-Birgu u f'inħawi oħra madwar dawn il-gzejjer"* , li għalkemm jistgħu jidhru li jirreferu unikament għall-ewwel tlett imputazzjonijiet, madanakollu huwa indubitat illi l-lok fejn seħħ ir-reat jibqa' l-istess wieħed, bl-uniku indikazzjoni li tinbidel għar-raba' u l-ħames imputazzjoni tkun dik tal-ħin billi dawn kienu reati ta' natura istantanja kuntrarjament għall-ewwel tlett imputazzjonijiet fejn l-appellant kien qed jiġi mixli bil-kontinwita' tar-reat. B'hekk dan mhuwiex każ fejn il-fatti huma indikati b'mod erronju u jikkontrastaw mall-provi li jemerġu mill-atti tali illi kien hemm in-neċessita' li ssir id-debita korrezzjoni biex l-azzjoni penali tirnexxi.

Meta il-liġi titkellem fuq "*il-partikolaritajiet*" li jirrigwardaw il-lok fejn seħħ ir-reat dan ir-rekwiżit huwa ikkwalifikat bil-frażi "**li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw"** biex b'hekk ndikazzjoni approssimattiva hija suffiċjenti. Jiżdied jingħad illi anke fejn dawn ma jistgħux jingħataw jew fejn ma humiex meħtieġa in-nuqqas ta' tali indikazzjoni ma ixxejjinx l-azzjoni kriminali. Dak li hu meħtieġ, kif ingħad, huwa li l-imputat jifhem biex qed jkun mixli u jidher quddiem il-qrati tal-ġustizzja sabiex iwieġeb għal din ix-xilja b'tali mod li jista' jiddefendi ruħu mill-istess, u ukoll li l-provi li jinġiebu sussegwentment fil-qorti jkunu jirriflettu dawk il-fatti elenkati fiċ-ċitazzjoni. Mill-atti proċesswali odjerni, jirriżulta mingħajr l-ebda dubbju li l-appellant kien ben konxju dwar in-natura tal-imputazzjoni lilu addebitata tant illi ressaq id-difiża tiegħu. Lanqas ma jidher illi l-appellant qed jikkontesta illi l-fatti narrati fiċ-ċitazzjoni b'xi mod ma humiex riflessi fil-provi miġjuba in atti. Dan ifisser għalhekk li

l-funzjoni taċ-ċitazzjoni maħruġa fil-konfront tiegħu ġiet eżawrita b'mod pożittiv u għalhekk in-nullita' ravviżata hija infondata.

Għal dawn ir-raġunijiet, dan l-aggravju qed jiġi respint.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fil-ħames aggravju mqanqal minnu, l-appellant iqajjem l-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem* u dan fir-rigward tal-imputazzjonijiet relatati mal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuqu, u ċioe' is-sitt u is-seba' imputazzjonijiet. Dan għaliex, jikkontendi illi huwa kien diġa' mixli f'proċeduri separati u ġġudikat fuq dan il-ksur u għalhekk ma setax jerġa' jinstab ħati dwar l-istess.

Illi l-appellant ġie akkużat li kiser żewġ digrieti tal-ħelsien mill-arrest, digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati presjeduta mill-Maġistrat Dr Audrey Demicoli nhar l-14 ta' Marzu 2019 u digriet ieħor tal-Qorti tal-Maġistrati (Maġistrat Dr Claire Stafrace Zammit) tat-8 ta' Mejju 2019.

Illi, fl-atti hemm eżebita sentenza mogħtija minn din l-Qorti, diversament presjeduta, tat-23 ta' Novembru 2021, u dan wara appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti Tal-Maġistrati (Malta) tal-5 ta' Marzu 2020 fil-konfront tal-appellant, fejn huwa kien mixli u misjub ħati talli nhar it-3 ta' Frar 2020 u fil-ġimgħat u/jew ġranet ta' qabel ġewwa dawn il-gzejjer kiser waħda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digrieti datati 14 ta' Marzu 2019, 8 ta' Mejju 2019 u 24 ta' Lulju 2019. Dan seħħ meta huwa kiser l-obbligu li jirrapporta ġewwa l-għassa tal-pulizija f' madwar ħmistax-il okkażjoni. Minħabba f'dan il-ksur din l-Qorti, diversament preseduta, kienet ordnat li fir-rigward tad-digriet datat 14 ta' Marzu 2019, jkun hemm il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' €1000 rappreżentanti parti mid-depożitu bħala garanzija kif ukoll fir-rigward tad-digriet datat 8 ta' Mejju 2019, kienet ordnata il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' €3000 mid-depożitu u finalment fir-rigward tad-digriet datat 24 ta' Lulju 2019, saret l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' €1,000 bħala depozitu u €5,000 mill-garanzija personali mogħtija f'dak id-digriet.

Illi l-prinċipju tan-*ne bis in idem* jinsab imħaddan mhux biss fid-dritt penali tagħna u cioe' fil-Kodiċi Kriminali iżda ukoll fil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Illum bis-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja dan il-prinċipju jinsab imħaddan ukoll fl-artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet fondamentali tal-Unjoni li jaqra:

> **"L-ebda persuna ma tista' terġa' tkun ipproċessata jew ikkundannata għal reat li għalih tkun diġà instabet mhux ħatja jew ikkundannata fl-Unjoni b'sentenza li daħlet in ġudikat skond il-liġi.**

Illi ukoll l-artikolu 54 tal-Konvenzjoni Schengen (14 June 1985 il-Konvenzjoni ghall-Implimentazzjoni tal-Ftehim Schengen KIFS) jistipula:

> **"Persuna li l-każ tagħha jkun inqata' b'mod finali f'Parti Kontraenti waħda ma tistax tiġi mixlija f'Parti Kontraenti oħra għall-istess azzjonijiet sakemm, jekk tkun ġiet imposta penali, din tkun ġiet infurzata, tkun fil-fatt fil-proċess li tiġi infurzata jew ma tkunx tista' tiġi infurzata iżjed taħt il-liġijiet tal-Parti Kontraenti fejn tkun ingħatat is-sentenza."**

Illi jqum id-dibattitu li ta' sikwit isib ruħu f'ħoġor kemm il-qrati lokali kif ukoll dawk fuq livell ewropew dwar dak li għandu jikkostitwixxi l-"*idem*" u cioe' jekk huwiex il-process gudizzjarju mill-ġdid dwar l-istess 'reat jew reati' jew inkella dwar l-istess 'fatti' jew 'azzjonijiet'. Illi kemm fil-liġi penali tagħna kif ukoll fil-jedd imhares mill-Kostituzzjoni tinsorgi din id-distinzjoni kif ukoll f'dak dikjarat fir-raba artikolu tas-Seba' Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi l-artikolu 527 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra testwalment;

> "**Wara sentenza li f'kawza tillibera imputat jew akkuzat, dan ma jistax <u>ghall-istess fatt</u> ikun soggett ghal kawza ohra**."

Dana jippostula żewġ elementi importanti u cioe' fl-ewwel lok irid ikun hemm sentenza fejn l-individwu jiġi illiberat mill-akkużi u fit-tieni lok illi l-persuna ma tiġix sottoposta għal proċeduri ġodda dwar l-istess fatt u mhux l-istess reat, kuntrarjament għal jedd imħares mill-Kostituzzjoni u il-Konvenzjoni Ewropeja li jitkellmu dwar "ir-reat"[1].

[1] Ara artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni

Wieħed allura jistaqsi b'liema kejl ghandha tigi deċiża l-eccezzjoni ta *ne bis in idem*, hux jekk bil-fatt illi il-ġudikabbli ikun ġie ipproċessat dwar l-istess fatti jew jekk ikunx ġie hekk ipprocessat dwar l-istess reati.

Issa l-qrati tagħna dejjem applikaw it-test biex wieħed jistabbilixxi jekk hix applikabbli l-eċċezzjoni ta' *ne bis in idem,* bħala dak ċċitat fid-deċiżjoni "**Sua Maesta' il-Re versus Agata Mifsud e Carmelo Galea"** [15.6.1918] u ċioe' fejn intqal li :

> "*un criterio pratico non meno che ragionale per determinare se ad un dato caso si applichi la regola "non bis in idem" e' quello appunto affermato dalla giurisprudenza ed accolto dalla dottrina giuridica in Inghilterra .* ***"The true test by which the question whether such a plea (i.e. Autrefoit acquit) is a sufficient bar in any particular case may be tried, is whether the evidence to support the second indictment would have been sufficient to prove a legal conviction upon the first."***[2]

Illi s-sentenza tagħmel esposizzjoni tajba ta' dana il-prinċipju kif jinsab imħaddan fil-liġi tagħna kemm penali kif ukoll kostituzzjonali hija dik mogħtija mill-Qorti Civili Prim'Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) Il-Pulizija vs Nicolai (Nicolai-Christian) Magrin.[3]

> **"... Il-principju tan-*ne bis in idem* imhares fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jimplika li persuna li tkun ghaddiet minn process dwar reat, m'ghandha qatt terga' tghaddi minn process iehor dwar tali reat jew dwar reati ohra li setghet tinstab hatja dwarhom fl-ewwel process. .... Illi dana is-subartikolu fil-Kostituzzjoni jaghti harsien usa lil-persuna mixlija minn dak moghti mill-artikolu 527 tal-Kodici Kriminali, sewwasew ghaliex jgholli l-eccezzjoni tan-*ne bis in idem* ghall-livell ta' garanzija kostituzzjonali bil-konsegwenza li persuna li jkollha dan il-jedd mhedded jew attwalment miksur quddiem qorti kriminali ghandha l-jedd tirrikorri ghall-protezzjoni quddiem qorti ta' xejra kostituzzjonali."**

Kif mistqarr mill-kompjant Imhallef William Harding għar-rigward tat-tħaddim tar-regola *ne bis in idem*: *"The criminal action is extinguished ... when there has been one act on the part of the accused and he has already been convicted (or acquitted) of an offence founded*

---

[2] Qorti ta'l-Appell Kriminali (per Imhallef Galea Debono) deciza fis-17 ta' Marzu 2008 fil-kawza fl-ismijiet il-Pulizija vs Nicolai Magrin

[3] sentenza deciza is-26 ta' Marzu 2009.

*on such act, and afterwards, he is again brought up for judgment on a different charge, but founded on the same act."*

Illi il-Qorti Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-decizjoni fl-ismijiet Sergey Zolotukhin vs Russja moghtija mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem:

> ***"takes the view that Article 4 of Protocol No. 7 must be understood as prohibiting the prosecution or trial of a second 'offence' in so far as it arises from identical facts or facts which are substantially the same. The guarantee enshrined in Article 4 of Protocol No. 7 becomes relevant on commencement of new prosecution, where a prior acquittal or conviction has already acquired the force of res judicata. At this juncture, the available material will necessarily comprise the decision by which the first 'penal procedure' was concluded and the list of charges leveled against the applicant in the new proceedings. Normally, these documents would contain a statement of facts concerning both the offence for which the applicant has already been tried and the offence for which he or she stands accused. In the Court's view, such statements of fact are an important starting point for its determination of the issue whether the facts in both proceedings were identical or substantially the same. The Court emphasises that it is irrelevant which parts of the new charges are eventually upheld or dismissed in the subsequent proceedings, because Article 4 of Protocol No. 7 contains a safeguard against being tried or being liable to be tried again in new proceedings rather than a prohibition on a second conviction or acquittal. The Court's inquiry should therefore focus on those facts which constitute a set of concrete factual circumstances involving the same defendant and inextricably linked together in time and space, the existence of which must be demonstrated in order to secure a conviction or institute criminal proceedings"***[4]

Illi fil-każ odjern, ma jistax jingħad illi l-imputazzjonijiet huma mibnija fuq l-istess fatti għalkemm ir-reat huwa l-istess. L-appellant bir-reati minnu kommessi u li dwarhom kien misjub ħati, għal darb'oħra ikkommetta reat "ġdid" u ċioe' vjolazzjoni "ġdida" tar-reat imfassal fl-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali. L-appellant għal darb'oħra kiser il-kondizzjonijiet imposti fuqu meta huwa ikkommetta reati ġodda, bil-ksur tad-digrieti ndikati fis-sentenza tat-23 ta' Novembru 2021[5] jkun imsejjes fuq fatti differenti u ċioe' fuq in-nuqqas illi huwa jirrapporta ġewwa l-Għassa tal-Pulizija biex jiffirma il-*bail book* kif kien ordnat illi jagħmel. Il-kondizzjonijiet marbuta mal-ħelsien mill-arrest

---

[4] Il-Pulizija vs John Micallef – Prim'Awla kost. 28/02/2007
[5] Dokument AG1 a fol. 197

jridu jiġu rispettati tul il-proċediment penali kollu sabiex b'hekk kull darba li jseħħ il-ksur ta' xi kondizzjoni l-imputat/akkużat jkollu jaffaċċja l-konsegwenzi legali ta' kull ksur, diment li tali ksur ma jkunx dwar l-istess fatt jew fatti. Għalhekk f'dan il-każ ċertament li ma tirriżultax id-difiża tan-*ne bis in idem* u għaldaqstant anke dan l-aggravju qed jiġi respint.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fis-sitt aggravju minnu mqanqal, l-appellant jilmenta illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq provi suffiċjenti dwar l-addebitu tar-reċidiva u għalhekk ma kellu qatt jinstab ħati ta' l-istess.

Illi minn eżami tal-atti jirriżulta illi l-Uffiċjal Prosekutur, l-iSpettur Eman Hayman, ippreżenta żewġ sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati in sostenn tal-addebitu tar-reċidiva, waħda mogħtija mill-Maġistrat Dr Anthony Vella datata 11 ta' Mejju 2017 fl-ismijiet "*Il-Pulizija vs Fredrick Dalli & ommissis*"[6] (sena sospiża għal sentejn) u oħra mogħtija ukoll mill- Maġistrat Dr Anthony Vella datata 12 ta' Ġunju 2014 fl-ismijiet "*Il-Pulizija* (*Spettur Jurgen Vella) vs Fredrick Dalli*"[7]. Issa għalkemm dawn iż-żewġ sentenzi jinsabu riflessi fl-fedina penali tal-appellant eżebita in atti, madanakollu l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq il-prova dwar l-identità tal-persuna ndikata fl-imsemmija sentenzi bħala l-istess persuna tal-appellant. Dan qed jingħad, iktar u iktar għaliex hemm anke diskrepanza fil-konnotati u dan senjatament fid-data tat-twelid tal-persuna li fil-konfront tagħha ingħataw is-sentenzi. Kwindi il-prova hija mankanti u l-Ewwel Qorti ma setatx issib lill-appellant ħati ta' dan l-addebitu fin-nuqqas ta' konferma dwar l-identità'. Kwindi dan l-aggravju jistħoqqlu akkoljiment.

[6] Dokument EH6 a fol.168
[7] Dokument EH7 a fol.172

**Ikkunsidrat:**

Illi, il-*gravam* rimanenti sottopost għall-ġudizzju ta' din l-Qorti jikkonċerna il-piena erogata mill-Ewwel Qorti. L-appellant kien ikkundannat multa ta' €8000, oltre il-konfiska tas-somma ta' €2000, rappreżentanti parti mid-depożitu marbut mad-digrieti tal-ħelsien mill-arrest u skwalifika tal-liċenzja tas-sewqan għal żmien tmintax-il xahar.

Illi, għalkemm l-appellant kien misjub ħati tal-addebitu tar-reċidiva, minn liema addebitu issa ser ikun illiberat, madanakollu ma jidhirx illi l-piena kienet mill-Ewwel Qorti miżjuda bi grad stante illi l-appellant ma ġiex ikkundannat għal piena tal-priġunerija.

Issa għar-reat imfassal fl-artikolu 15 Kap.65 hemm maħsuba il-piena tal–multa ta' mhux iżjed minn minn elf u mitejn euro (€1,200) jew tal-priġunerija ta' mhux iżjed minn sena. Filwaqt illi r-reat taħt l-artikolu 3 tal-Kap.104 iġorr ukoll il-piena tal-multa ta' mhux anqas elfejn,tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletinċenteżmu (€2,329.37) iżda ta' mhux iżjed minn erbat elef, sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa usebgħin ċenteżmu (€4,658.75) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur, jew il-multa u l-priġunerija flimkien, bl-Ewwel Qorti, madanakollu, tgħaddi biex tapplika il-piena mfassla fis-sub-inċiz (2)(ċ) għall-artikolu 3 għaliex kienet tal-fehma illi din ma kenitx l-ewwel darba li l-appellant kien mijsub ħati ta' reati simili, b'mill-inqas sitt kundanni li jemerġu mill-fedina penali tiegħu għal sewqan bla liċenzja u mingħajr polza ta'l-assigurazzjoni. Il-piena għalhekk li ġiet komminata kontra l-appellant kienet dik li hija fil-parametri tal-multa ta' mhux anqas minn ħamest elef, tmien mija u tlieta u għoxrin euro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€5,823.43) iżda ta' mhux iżjed minn sitt elef, disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (€6,988.12) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sena, jew il-multa u l-priġunerija flimkien. Finalment ir-reat imfassal fl-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali jikkontempla l-piena tal-multa jew ta' priġunerija għal żmien ta'erba' xhur sa sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien u l-Qorti għandha tordna li l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat fl-intier

tiegħu jew f'parti minnu favur il-Gvern ta' Malta skont kif il-Qorti tqis il-gravità tar-reat.

Illi minn din it-titwila lejn il-parametri tal-piena li l-Ewwel Qorti setgħat tapplika fil-konfront tal-appellant huwa evidenti illi din hija waħda tal-multi li jqarrbu ħafna lejn il-massimu kkontemplati fil-liġi. Magħdud mal-multa ta' €8000, l-Ewwel Qorti għaddiet għal konfiska tas-somma ta' €2000 mill-garanziji li kien hemm imposti fuq l-appellant bħala parti mill-konċessjoni lilu magħmula tal-ħelsien mill-arrest f'żewġ proċeduri oħra separati. Illi fid-dawl tal-fatt illi l-appellant ser jiġi lliberat mill-addebitu tar-reċidiva, hemm lok għal temperament fil-piena, għalkemm din il-Qorti jidhrilha, bħall-Ewwel Qorti qabilha li l-appellant ma ħaqqux wisq klemenza, anke tenut kont tal-fedina penali refrattarja tiegħu. Finalment fir-rigward tal-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan tal-appellant ordnata mill-Ewwel Qorti għal perijodu ta' 18-il xahar, dan il-perijodu ta' żmien huwa ċertament ferm itwal minn dak tal-massimu ta' tnax-il xahar ikkontemplat fl-artikolu 3(2A) tal-Kap.104, u tat-tmint ijiem imfassal fl-artikolu 15(3) tal-Kap,65, bl-Ewwel Qorti ma tindika ebda motiv li wassalha fid-diskrezzjoni mogħtija lilha fl-artikolu 3(2A) tal-Kap.104 tordna żmien itwal ta' skwalifika. Kwindi fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi u fid-dawl tal-fatt, li kif ingħad, l-appellant mhux ser jkun misjub ħati li huwa reċidiv, it-terminu ta'l-iskwalifika għandu jkun dak maħsub fil-liġi, bil-perijodu ta' żmien għall-imsemmija skwalifika ser ikun ridott minn din il-Qorti għal perijodu ta' tlettax-il xahar.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa, *in parte*, l-appell tal-appellant Fredrick Dalli. Tgħaddi għalhekk sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi –**

i) **Tikkonfermaha fil-parti fejn illiberat lill-appellant Fredrick Dalli mit-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu;**
ii) **Tikkonfermaha fil-parti fejn iddikjarat il-proċediment estint fir-rigward tal-ewwel u tat-tieni mputazzjoni dedotti kontra l-appellant Fredrick Dalli stante li dawn ġew rinunzjati;**
iii) **Tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellant Fredrick Dalli ħati tar-raba', tal-ħames, tas-sitt u tas-seba' imputazzjonijiet dedotti kontrih;**

iv) Tikkonfermaha fil-parti fejn ai termini tal-artikolu 579(1) tal-Kodiċi Kriminali, ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-ammont ta' elf ewro (€1,000) mill-ammont ta' garanzija ndikat fid-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati tal-14 ta' Marzu 2019 u s-somma ta' elf ewro (€1,000) oħra mill-ammont ta' garanzija ndikat fid-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati tat-8 ta' Mejju 2019;

v) Tirrevokaha f'dik il-parti fejn ordnat ir-revoka tal-liċenzja tas-sewqan tal-appellant għal żmien tmintax-il xahar, u minflok tordna ir-revoka ta' din il-liċenzja għal żmien tlettax-il xahar li għandhom jibdew jiddekorru mid-9:00a.m. ta' għada fil-għodu;

vi) Tirrevokaha fil-parti fejn sabet lill-appellant Fredrick Dalli ħati tal-addebitu tar-reċediva u tgħaddi sabiex tilliberah mill-istess; u

vii) Tirrevokaha fil-parti fejn ikkundannat lill-appellant Fredrick Dalli jħallas multa ta' tmint elef ewro (€8,000) u minflok tikkundannah iħallas il-multa ta' sitt elef Ewro (€6,000).

Edwina Grima

Imħallef